

Brussell, 19 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0357(NLE)
2018/0356(NLE)

6047/1/19
REV 1 ADD 1

WTO 40
SERVICES 10
COASI 15

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam - Adozzjoni Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Dikjarazzjoni mir-Renju tal-Belġju u r-Renju ta' Spanja dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam

Il-Belġju u Spanja jilqgħu l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u jixtiequ jtennu l-importanza tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ftehim, inkluż l-impenji fir-rigward tal-prinċipji fundamentali u l-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Huwa fil-fatt essenzjali li l-ftehimiet kummerċjali jikkontribwixxu b'mod effettiv għal żvilupp sostenibbli, jirrispettaw l-istandards globali u jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti.

F'dan ir-rigward, il-Belġju u Spanja jilqgħu l-approvazzjoni tar-riżoluzzjoni fl-Assemblea Nazzjonali tal-Vjetnam li tapprova l-adeżjoni tal-Vjetnam għall-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar in-negozjar kollettiv tal-14 ta' Ġunju 2019, kif ukoll id-dibattitu dwar kodiċi ġdid dwar ix-xogħol. Wara l-iffirmar tal-ftehim, il-Belġju u Spanja ser ikomplu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Kapitolu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp. Il-Belġju u Spanja għandhom fiduċja li l-Vjetnam ser jirrispetta l-impenn tiegħu li jirratifika l-konvenzjonijiet fundamentali 87 u 105 li baqa' tal-ILO u jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.
